servizz pubbliku

# WasteServ Malta

## MIN AĦNA

WasteServ ġiet imwaqqfa bħala kumpanija b'responsabbilità limitata f'Novembru tal-2002 u hija responsabbli mill-organizazzjoni, il-ġestjoni u l-operat ta' sistema integrata tal-immaniġjar tal-iskart. Minn meta twaqqfet, WasteServ ħadet l-impenn li tippromwovi t-tnaqqis u r-riċiklaġġ tal-iskart, u li tistabbilixxi u żżomm infrastruttura ta' immaniġjar innovattiv tal-iskart biex tipproteġi l-ambjent u s-soċjetà. Aħna nirrikonoxxu l-fatt li l-ekonomija lineari, jiġifieri li jittieħdu riżorsi biex minnhom isiru prodotti u li wara li jintużaw jintremew meta ma jkunx għad hemm bżonnhom, mhix sistema li għadha taħdem għall-kummerċ, għan-nies u għall-ambjent. B'hekk, aħna rridu li nkunu fuq quddiem f'din il-bidla trasformattiva lejn approċċ t'ekonomija ċirkolari. Dan ifisser li aħna qegħdin, kontinwament, nevalwaw l-operat tagħna biex noħolqu valur minn enerġija u materjali li qabel kienu jinħlew.

Dalwaqt, WasteServ ser tkun il-bażi għall-ikbar investiment li qatt sar f'Malta fis-settur tal-immaniġjar tal-iskart, il-proġett ECOHIVE se jkun qed imexxi lil Malta lejn ekonomija ċirkolari. WasteServ determinata li taħdem bl-aktar mod sostenibbli u tuża r-riżorsi bl-iktar mod effiċjenti billi tbiddel l-iskart f'materjali riċiklabbi ta' kwalità tajba. Sadanittant, aħna ser inkomplu naħdmu biex niżguraw li l-oġġetti riċiklabbi jiġu separati fi flussi differenti ta' skart biex jiġu rriċiklati u b'hekk jerġgħu jsibu ruħhom lura fiċ-ċiklu ekonomiku.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *Merħba fil-Wasteserv | Wasteserv Malta*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta 'żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 5-10 minuti f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum 1 tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien jum 1 tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5-10 t'ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *info@wsm.com.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fl-istess jum jew sa 10 t'ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- WasteServ Malta Ltd, Kumpless ECOHIVE, Tul il-Kosta, Naxxar NXR 9030 Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:00-17:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://wsm.com.mt*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt tas-servizzi: *info@wsm.com.mt* - +356 8007 2200
- Permezz tal-midja soċjali: